# Il-Professur PATRI DANIEL CALLUS O.P. (1888 - 1965)

***Minn Joseph Schembri***

Tliet saċerdoti aħwa Żebbuġin taw sehem kbir fix-xogħol tagħhom lil-komunità. Dawn kienu Patri Ugo u Patri Daniel, it-tnejn Dumnikani, li flimkien ma ħuhom l-ieħor Dun Luret ħallew marka fl-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ li ma tantx tista tintesa tul iż-żmienijiet. L-aktar wieħed famuż fosthom kien il-Professur Patri Daniel Callus O.P., S.Th.M., (Oxon), M.A., (Oxon), F.R.H.S., D.Litt (Hon).

**Student**

Il-Professur Callus twieled Ħaż-Żebbuġ fl-20 ta' Jannar 1888. Ta' 15 il-sena daħal fl-Ordni tal-Predikaturi wara li spiċċa mill-iskola sekondarja. Wara sentejn novizz, huwa għamel il-professjoni sempliċi ta' Dumnikan nhar il-25 ta' Marzu 1905. Fil-Kulleġġ tad-Dumnikani, San Tumas d'Aquino tar-Rabat studja l-filosofija u t-teoloġija, imbagħad wara li ġie mibgħut Fiesole f'Firenze, ħa l-letterat fit-teoloġija. Fl-Università ta' Firenze, iż-żgħażugħ Callus għamel kors fil-paleografija, storja ta' l-arti kif ukoll fl-ilsna Semitiċi. Issokta l-istudji tiegħu fl-Angelicum ta' Ruma u ġie ordnat saċerdot fl-età ta' 22 sena fl-1910.

**Professur**

Lura f'Malta, Patri Daniel beda jgħallem it-teoloġija u l-Iskrittura Mqaddsa fil-Kulleġġ San Tumas d'Aquino tar-Rabat. Fl-1914 ġie magħżul Professur tat-teoloġija dommatka fis-Seminarju Arċiveskovili ta' l-Imdina. Patri Daniel kiteb wisq fuq l-Ordni Dumnikan u l-membri tiegħu. Stampa wkoll ktieb fuq il-ħajja tal-imsemmi Dumnikan Tork, Patri Ottoman. Fl-1921 sar Professur tal-Istorja Medjevali fil-Kulleġġ Dumnikan ta' Staffordshire. Fl-1923 inħatar direttur tal-Kulleġġ ta' Santa Marija della Quercia f'Viterbo, Italja.

Fl-1924 laħaq Majjistru fit-teoloġija u fl-istess sena ġie maħtur Professur ta' l-Iskrittura, l-ilsien Lhudi u dak Grieg fl-Università Rjali ta' Malta. L-istudenti tiegħu għadhom jiftakru l-kliem ta' tifħir li qal fuqu ir-Rettur Manjifiku, Prof. T. Zammit C.M.G., M.D., D.Litt. Bejn l-1927 u l-1931 serva bħala Reġġent fil-Kulleġġ Dumnikan tar-Rabat.

**Pijonier tal-Azzjoni Kattolika Maltija**

Barra milli kien studjuż u għalliem, il-Professur Callus kien wieħed mill-pijonieri tal-Azzjoni Kattolika f'Malta. Hekk jgħid għalih il-Prof. Mons. Arturo Bonnici: "Imħeġġeġ minn konferenza ta' P. Tonna Barthet dwar il-Messiku, u mħeġġin bħalu żewġ studenti Kelinu (wara Mons) Azzopardi u Giovanni Theuma li wara sar Professur u miet traġikament l-Isla fil-bumbardament tal-"Illustrious", iltaqgħu ma oħrajn u xeħtu l-ewwel żerriegħa għal dik l-Għaqda, l-Azzjoni Kattolika Maltija, fl-Università".

**Ħidma barra minn Malta**

Fl-1931 tela Oxford, Ingilterra, biex ikompli l-istudji tiegħu dwar il-Medio Evo. Fl-istess sena irrappreżenta lill-Università ta' Malta u l-"Malta Institute of Historical

Research" fil-konferenza Anglo-Amerikana ta' l-istoriċi li saret f'Londra. Fl-4 ta' Ġunju 1938 sar Duttur tal-Filosofija fl-Università t'Oxford, l-ewwel Dumnikan li qala d-dottorat f'din l-Università wara r-Riforma Ingliża. Fl-istess żmien kiseb il-"Master of Arts".

Fl-1942 sar ir-Reġġent ta' l-istudju tad-Dumnikani f'Oxford u 'lecturer' tal-Istorja tal-Medio Evo u tal-Paleografija (studju tal-kitba antika) Latina fl-Università ta' dik il-belt. Fit-3 ta' Settembru 1942. Patri Daniel Callus sar Professur Emeritus fl-Università ta' Malta. F'Lulju tal-1946 irrappreżenta lil-Provinċja Dumnikana Ingliża fil-Kungress Internazzjonali tal-"Pax Romana" li sar fi Spanja. F'Ottubru tal-1947 kien mistieden mill-Università ta' Madrid biex jagħti kors ta' konferenzi fuq l-Istorja tal-Aristoteliżmu Medjevali, li fihom, il-ħila filosofika tiegħu qegħditu fost l-aħjar imgħallmin imħarrġin fuq kwistjonijiet bħal dawn.

Fi Frar u Marzu tal-1949 fuq stedina tal-Università ta' Toronto, Kanada, għamel kors ieħor ta' konferenzi fil-"Pontificial Institute of Medieval Studies" li kien suċċess kbir għal Prof. Callus, minħabba li kienu attendewlu dejjem għadd kbir ta' studenti kif ukoll professuri tal-Università, magħhom żid bosta Dumnikani tal-Provinċja Kanadiża. Fil-Kanada, il-Professur Callus kien milqugħ b'ġieħ kbir fil-kunvent Dumnikan ta' Montreal, u l-Maltin emigranti tal-Kanada kienu stidnuh għal-pranzu magħmul f'ġieħu. (Ara Ir-Rużarju - Xandir ta' Kultura Dumnikana - April-Ġunju 1949 - Vol I, No.1).

**Kittieb**

Fl-1950 kiteb seba artikli għall-ħarġa ġdida tac-"Chamber's Encyclopaedia". Insibu wkoll xogħol tiegħu fl-"Oxford Dictionary of the Christian Church", fil-"Catholic Dictionary of Theology", fit-"Teologisch Woordenbeck" kif ukoll fil-"Lexicon fur Theologie and Kirche". Minħabba l-"lectures" tiegħu kienu kabbrulu l-fama ta' studjuż kbir, kien mitlub biex jaqra xogħolijiet tiegħu f'bosta bliet kbar fosthom: Zurich, Brussels u Louvain. Fit-12 ta' Novembru 1963, l-Università ta' Malta għamiltu Duttur fil-Letteratura (Honoris Causa). L-Università t'Oxford ippubblikat f'ġieħu ktieb imdaqqas dwar l-istess Universita t'Oxford ippubblikat f'ġieħu ktieb imdaqqas dwar l-istess Università u l-Istudju Medjevali. Fl-20 ta' Jannar 1964, dan il-ktieb ġie ppreżentat b'tifħir lilhu. Il-fuq minn 21 rivista xjentifika ippubblikaw xogħolijiet tiegħu fuq teoloġija, filosofija u storja medjevali.

**Mewtu**

Il-Professur Patri Daniel Callus ġie lura lejn Malta nhar il-25 ta' Marzu 1965 biex ifakkar għeluq is-60 sena mill-professjoni tiegħu bħala Dumnikan, fil-kunvent tal-Ordni tiegħu tal-Lunzjata, il-Birgu. Hemm kien jidher mikdud u għajjien għall-aħħar. Xahrejn wara, fis-26 ta' Mejju 1965, il-Professur Callus miet mibki minn ħutu d-Dumnikani kif ukoll minn dawk li xi darba xorbu t-tagħlim siewi tiegħu. Kellu 77 sena.

Il-Professur Patri Daniel Callus, ġawra tal-kleru Malti, studjuż kbir u figura internazzjonali għamel unur kbir lil-Malta u lill-Ordni Dumnikan, iżda jiddispjaċini ngħid li ma hawnx ħjiel ta' tifkira denja tiegħu fil-gżira tagħna, ħlief għal-triq li ġġib ismu f'Ħaż-Żebbuġ.